MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2007

Appell Kriminali Numru. 163/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Maria (Mary) Pace**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Maria (Mary) Pace talli mid-29 ta' Mejju 2005, u fil-granet ta' qabel, bla hsieb li tisraq jew li taghmel hsara kontra l-ligi izda biss biex terzercita jedd li tippretendi li ghandha, geghlet bl-awtorita` taghha nnifisha lil xi hadd ihallas dejn jew jesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun, jew fixklet lil zewgha Carmelo Pace fil-pussess ta' hwejgu billi biddlet ic-cwievet tad-dar matrimonjali, 86, Triq il-Fuhharin, B'kara;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-25 ta' April 2006 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmija Maria (Mary Pace) hatja ta' l-imputazzjoni dedotta kontra taghha, u kkundannatha ghall-hlas ta' multa ta' hamsin liri Maltin (Lm50);

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmija Maria (Mary) Pace pprezentat fil-5 ta' Mejju 2006 li permezz tieghu talbet li din il-Qorti tirrevoka, thassar u tannulla s-sentenza appellata u tiddikjaraha mhux hatja tal-imputazzjoni dedotta kontra taghha u kwindi tilliberaha minn kull imputazzjoni w piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellanti huma fil-qosor is-segwenti: (1) mhuwiex veru li hija biddlet ic-cavetta tal-fond in kwistjoni; (2) il-fond in kwistjoni nghata b'donazzjoni lil binha Silvio Pace u ghalhekk zewgha Carmelo Pace ma kienx qeghed jigi mfixkel "fil-pussess ta' hwejgu" kif allegat fl-imputazzjoni; (3) hija m'ghandha l-ebda dritt tbiddel ic-cavetta tal-fond in kwistjoni ghax dan id-dritt jispetta lil sid il-fond Silvio Pace.

L-aggravji ta' l-appellanti jehtiegu apprezzament mill-gdid tal-provi u, kif gie kostantement ritenut, huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament

approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

Din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi u jirrizultalha s-segwenti:

**Carmelo Pace** xehed illi fid-29 ta’ Mejju 2005 dahal id-dar u kellu xi jghid mal-mara. Marru ghalih il-Pulizija li haduh l-ghassa. Baghat lil siehbu jgiblu c-cavetta u meta dan gablu l-mazz cwievet, dik tad-dar kienet nieqsa. Qal li martu ma taghtilux. Minn dakinhar ma dahalx id-dar ghax kull darb li jmur, martu ggiblu l-Pulizija. In kontro-ezami qal li ma jafx dati ezatti meta pprova jmur id-dar u martu ggiblu l-Pulizija. Cahad li jsawwatha. Qal li l-Pulizija jghidulu li ma jistax joqghod hemm. Il-post huwa tat-tifel Silvio Pace li joqghod fih ukoll. Min ta c-cwievet lill-Pulizija ma jafx ghax siehbu mar ghalihom. Sa dakinhar ic-cavetta tad-dar ma kinitx inbidlet ghax ma kienx ghadda hin.

**L-appellanti** xehdet illi l-fond in kwistjoni kienu ghamluh fuq it-tifel li jghix fih u li sentejn ohra ser jizzewweg u jibqa’ joqghod fih u hi, li ghadha tghix fl-istess post, se jkollha tmur tghix post iehor. Dwar meta mar sieheb zewgha ghac-cwievet, qalet li mux hi qalghet ic-cavetta tad-dar minn mal-mazz izda uliedha. Ic-cavetta tad-dar baqghet ukoll ma nbidlitx. In kontro-ezami qalet li d-dar in kwistjoni kienu xtrawha xi tmintax-il sena qabel u peress illi l-

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

proprjeta` gholiet iddecidew li jaghtuha lit-tifel u huma jsibu xi haga zghira. Dan kien xi sentejn qabel. Qalet li mbaghad zewgha beda jaqla' l-inkwiet. Regghet ikkonfermat li hi ma qalghetx ic-cavetta tad-dar minn mal-mazz izda xi hadd mit-tfal. U ghal kumment tal-prosekuzzjoni li "int stess ghadek kif ghidtilna illi m'intix se taghti cavetta lil xi hadd li ma tafux", wiegbet "Ezatt".

**Silvio Pace**, bin l-appellanti, qal li l-post in kwistjoni huwa tieghu u li kien inghatalu mill-genituri tieghu b'kuntratt. Dakinhar li kien mar sieheb il-papa` tieghu ghac-cwievet, hu u ohtu qalghu c-cavetta tad-dar minn mal-mazz u taw il-mazz lil dak li kien gie ghac-cwievet. Qal li huma bezghu li ma setghux jafdawh lil dak ir-ragel. Ix-xhud qal li kien hu li nehha c-cavetta tad-dar minn mal-mazz. In kontro-ezami qal li l-mazz ta' cwievet kien ghandu. Qal ukoll li kull ma hemm gewwa d-dar huwa tieghu. Mistoqsi jekk hux anke l-affarijiet ta' ommu wkoll huma tieghu, wiegeb fl-affermattiv u li l-ghada missieru mar u ma marx ghac-cavetta izda ghal hwejgu.

L-ewwelnett irid jigi osservat illi, kuntrarjament ghal dak li qal Silvio Pace, permezz tal-kuntratt tal-15 ta' Settembru 2004 fl-atti tan-Nutar Dottor Carmelo Mangion (a fol. 14 – 15 tal-process), il-genituri tieghu ttrasferewlu b'titolu ta' donazzjoni il-fond in kwistjoni izda mhux ukoll l-oggetti mobbli ta' go fih. Ghalhekk ma jistax jippretendi illi kull ma hemm gewwa jappartjeni wkoll lilu – salv prova ta' dak li seta' nxtara minnu. Inoltre m'hemmx dubju illi l-genituri tieghu, anke wara l-imsemmi trasferiment, baqghu jghixu fl-istess post.

F'dawn il-proceduri pero`, l-appellanti giet akkuzata li hi fixklet lil zewgha fil-pussess ta' hwejgu billi biddlet ic-cwievet tad-dar matrimonjali. Issa, mill-provi jirrizulta illi c-cwievet ma nbidlux, illi meta zewgha kien l-ghassa u baghat ghac-cwievet ma' siehbu kien Silvio Pace li qala' c-cavetta tad-dar minn mal-mazz cwievet ta' missieru u ghalhekk baghtlu l-mazz minghajr l-imsemmija cavetta, u li l-fond in kwistjoni ma kienx ghadu jappartjeni aktar lill-konjugi Pace izda lill-istess Silvio Pace. Barra minn hekk lanqas ma jirrizulta illi kienet l-appellanti illi b'xi mod

geghlet lil Silvio Pace inehhi c-cavetta tad-dar minn mal-mazz, ghalkemm ma jirrizultax li sabet oggezzjoni ghal dan. F'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti tista' biss tikkonkludi illi l-imputazzjoni kif dedotta ma tirrizultax.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara lill-appellanti mhux hatja ta' l-imputazzjoni dedotta kontra taghha u minnha tilliberaha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------